MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 832/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Raymond Scerri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti in atti n-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius, wiehed datat 13 ta' Gunju 2008 (Dok. "A") u tnejn l-ohra datati 28 ta' Novembru 2008 (Dok. "B" u Dok. "C") u permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Marzu 2011 (Dok. "D") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Raymond Scerri.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Raymond Scerri fis-somma ta' mija u erbgha u tletin elf, hames mija u tnax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€134,512.46) bilanc ghad-debitu fil-*Loan, Credit Card u Overdraft Accounts*" ta' Raymond Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G2", Dok. "H"u Dok. "I") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Awwissu 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Raymond Scerri;

(a) Naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura,

(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew,

(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Raymond Scerri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-posssibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Raymond Scerri gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju 2012 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Din il-Qorti ntalbet:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Raymond Scerri (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

2. Tikkundanna lil Raymond Scerri jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u erbgha u tletin elf, hames mija u tnax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€134,512.46) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan, Credit Card u Overdraft Accounts*" ta' Raymond Scerri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F2", Dok. "G1 sa G2", Dok. "H" u Dok.

"I") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Awwissu 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 12 ta' Lulju 2012 (Dok. "J") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat Raymond Scerri baqa' ma ressaq ebda twegiba.

Semghet lix-xhud viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li, ghalkemm moghti l-fakoltà li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub l-intimat kontumaci baqa' ma ghamel xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti bil-provi prodotti wera ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li t-talbiet tieghu huma gustifikati u jisthoqqilhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba ta’ Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------